*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,743, 9 ta' Frar, 1999*
*Taqsima B*

**A.L. 32 ta' l-1999**

# ATT DWAR L-EDUKAZZJONI (KAP. 327)

## Regolamenti ta' l-1999 tal-Kors għall-Postgraduate Diploma in Diplomacy - P.G. Dip. Diplomacy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

**Titolu u interpretazzjoni**

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 tal-Kors għall-Postgraduate Diploma in Diplomacy - P.G. Dip. Diplomacy.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"l-Akkademja" tfisser il-Mediterranean Academy of Diplomatic Studies ta' l-Universita' ta' Malta;

"il-Bord" ifisser il-Bord ta' l-Istudji, maħtur skond il-provvedimenti tal-paragrafu (1) tar-regolament 5;

"id-Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Diplomacy - P.G. Dip. Diplomacy; u

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għall-Postgraduate Diploma in Diplomacy - P.G. Dip. Diplomacy.

**L-Applikabilita'**

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew fi Frar 1999 jew wara.

**L-Eliġibbilita' għad-Diploma**

3. Biex ikunu eliġibbli għall-għoti tad-Diploma, l-istudenti għandhom:

(a) ikunu rreġistrati bħala studenti regolari ta' l-Universita';

(b) itemmu b'suċċess il-kors ta' l-istudji xieraq, li jikkonsisti f'xogħol matul il-kors u xogħol prattiku fid-Diplomazija u l-*Information Technology*; u

(ċ) jissoddisfaw ir-rekwiżiti kollha preskritti f'dawn ir-regolamenti u f'xi statuti, regolamenti u ordinamenti rilevanti oħra ta' l-Universita'.

**Ir-Rekwiżiti għad-Dħul**

4. (1) L-applikanti jistgħu jiġu rreġistrati bħala studenti fil-Kors jekk huma:

(a) jkunu eliġibbli biex jidħlu l-Universita' bħala studenti regolari skond ir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita'; u

(b) jkollhom grad minn universita' magħrufa mis-Senat għal dan il-għan, jew ikollhom kwalifiki professjonali xierqa flimkien ma' tlett snin esperjenza professjonali relatata li jkunu aċċettabbli għall-Bord.

(2) L-applikanti jistgħu jkunu meħtieġa joqogħdu għal intervista biex issir valutazzjoni tad-dispożizzjonijiet u ta' l-isfond akkademiku u professjonali tagħhom.

**Il-Bord ta' l-Istudji**

5. (1) L-amministrazzjoni ġenerali tal-Kors għandha tkun afdata lil Bord ta' l-Istudji magħmul mid-Direttur ta' l-Akkademja jew persuna nominata minnu bħala *Chairman*, il-Ko-ordinatur tal-Kors, u tliet membri akkademiċi. Il-Bord għandu jkun maħtur mis-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Akkademja.

(2) Il-Ko-ordinatur tal-Kors għandu jkun responsabbli għat-tfassil tas-sillabi u tal-katalgu tat-taqsimiet studju, kif ukoll għall-preparazzjoni tal-materjal tat-tagħlim, bil-koperazzjoni u l-approvazzjoni tal-Bord.

**Il-Kors ta' l-Istudji**

6. (1) L-istudenti għandhom ikunu meħtieġa jtemmu l-Kors f'mhux anqas minn disa' xhur u f'mhux aktar minn ħmistax-il xahar.

(2) Il-Kors għandu jsir f'żewġ fażijiet:

(a) l-ewwel fażi - *Workshop* Introduttorju, li għandu jkun organizzat fl-Universita' ta' Malta jew f'post assenjat mill-Universita' ta' Malta li jdum madwar għaxart ijiem ta' xogħol. L-istudenti jkollhom introduzzjoni għal suġġetti varji u jiġu mħarrġa fil-kapaċitajiet meħtieġa għal fażi ta' tagħlim mill-bogħod; u

(b) it-tieni fażi - Tagħlim mill-Bogħod, li għandu jsir permezz ta' l-*Internet*. It-tul ta' din il-fażi jiddependi fuq l-istudent innifsu iżda din ma għandhiex tieħu anqas minn disa' xhur u aktar minn ħmistax-il xahar.

(3) Il-Kors għandu jikkonċentra l-aktar dwar *Information Technology* għad-Diplomazija u għandu jikkonsisti fis-sitt moduli li ġejjin, li għalihom huma assenjati mhux anqas minn tletin kredtu (inklużi dawk assenjati għall-Proġett ta' Riċerka):

(a) *Diplomacy*
(b) *Information Technology and Distance Learning*
(ċ) *New social, political and economic environment for diplomatic activities*
(d) *New topics on diplomatic agendas*
(e) *New tools for diplomatic activities*
(f) Proġett ta' Riċerka.

(4) Katalgu ta' moduli u ta' taqsimiet studju, li jinkludi l-kredti assenjati għal kull taqsima studju u liema huma obbligatorji, għandu jkun ippublikat mill-Bord qabel il-bidu tal-Kors.

**Il-Proġett ta' Riċerka**

7. (1) L-istudenti kollha huma meħtieġa jissottomettu Proġett ta' Riċerka ta' madwar 20,000 kelma kif indikat mill-Bord.

(2) L-istudenti li jeħlu fil-Proġett ta' Riċerka għandhom jitħallew jissottomettuh mill-ġdid darba fi żmien perijodu ta' xahrejn.

**Il-Valutazzjoni**

8. (1) L-istudenti għandhom ikunu valutati fit-taqsimiet studju matul il-Kors skond il-kriterji stabbiliti mill-Bord.

(2) L-iskema ta' iggradar li ġejja għandha tintuża biex jingħataw il-kredti: A, B, Ċ, D, u F, fejn A huwa l-ogħla grad u F tindika li student Weħel.

(3) L-istudenti li jeħlu f'valutazzjoni ta' taqsima studju għandhom ikunu valutati mill-ġdid darba biss. Jekk jgħaddu, l-ogħla grad li jistgħu jingħataw huwa l-grad D.

(4) L-istudenti jitqiesu li ssodisfaw il-kriterji ta' valutazzjoni tal-Kors jekk huma kisbu minimu ta' ħamsa u għoxrin kredtu (inklużi dawk assenjati għall-Proġett ta' Riċerka u għal xi taqsimiet studju obbligatorji).

**Ir-Riżultat Finali**

9. L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom ikunu ppublikati f'lista f'ordni alfabetiku fil-kategoriji li ġejjin:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.